# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 9 ta' Novembru 2022**

**Kawza Numru: 17**

**Rikors Guramentat Numru:- 338/2022 JVC**

**L-Avukat Dottor Alexander Schembri, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 373282 (M), ghan-nom u in rapprezentanza tal-assenti Christabel Reidy *sive* Falzon Ronayne, detentrici tal-passaport Malti bin-numru 1376201, imwielda fil-21 ta' Novembru 1982 gewwa l-Pieta', Malta, u residenti gewwa 03013, Alicante, Calle Vazquez de Mella, 23, Piso 4 Izq, Spanja**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti l-Avukat Dr Alexander Schembri ghan-nom u in rapprezentanza tal-assenti Christabel Reidy sive Falzon Ronayne li talab kif isegwi:

I. 'Illi l-esponent Avukat Dottor Alexander Schembri gie debitament awtorizzat sabiex jipprezenta l-proceduri odjerni ghan-nom u in rapprezentanza tal-attrici assenti Christabel Reidy *sive* Falzon Ronayne, detentrici tal-passaport Malti bin-numru 1376201, imwielda fil-21 ta' Novembru 1982 gewwa l-Pieta', Malta, u residenti gewwa 03013, Alicante, Calle Vazquez de Mella, 23, Piso 4 Izq, Spanja, bis-sahha ta' prokura specjali tat-12 t'April 2022 (**DOK: A**);

II. Illi l-attrici, li hija cittadina ta' Malta, izzewwget lil Gerard Anthony Reidy, cittadin tal-Irlanda, nhar it-3 ta' Lulju 2015, u dan kif jirrizulta mill-Att ta' Zwieg numru 2021 tal-2015 (**DOK: B**);

III. Illi, wara li zzewwgu, l-attrici u l-imsemmi Gerard Anthony Reidy marru jirrisjedu gewwa Spanja;

IV. Illi, permezz ta' decizjoni moghtija gewwa Spanja, ossija *Deed of Divorce by Mutual Agreement* tat-3 ta' Lulju 2018, gie pronunzjat il-hall taz-zwieg, ossija d-divorzju, tal-attrici u ta' Gerard Anthony Reidy (**DOK: C1** u **DOK: C2**);

V. Illi, sussegwentement, wara li skada l-passaport Malti tal-attrici (**DOK: D**) - liema passaport kien validu bejn l-14 ta' Settembru 2009 u l-14 ta' Settembru 2019, u kien jixhed il-kunjom "**Falzon Ronayne**" - inhareg passaport gdid lill-attrici (**DOK: E**), li huwa validu mit-3 ta' Gunju 2019 sat-3 ta' Gunju 2029, li,

madanakollu, minhabba li fil-mori kien sehh iz-zwieg hawn fuq imsemmi, jixhed il-kunjom "**Reidy**";

VI. Illi, permezz ta' decizjoni sussegwenti moghtija gewwa Spanja, ossija *Deed of Modification of the Regulatory Agreement of Divorce by Mutual Agreement* tal-24 t'Awwissu 2021 (**DOK: F1** u **DOK: F2**), gie mifthiem u deciz illi: "***After proceeding by mutual agreement to the total dissolution of the existing marriage bond between the two on the 3rd July 2018, both agree that Ms. Christabel Falzon Ronayne will stop using the Reidy suraname to return to her pre-marrigae status, her official name being Ms. Christabel Falzon Ronayne"***, u illi: ***"Both parties agree that it is the will of Ms. Christabel Falzon Ronayne to recover her family surname, and likewise, it is that of Mr. Gerard Anthony Reidy that Ms. Christabel Falzon Ronayne proceeds to change her surname, there being no legal link between the two; by means of this agreement, Ms. Christabel Falzon Ronayne is authorised to change her surname to her family surname, finally remaning as Christabel Falzon Ronayne"***;

VII. Illi, apparti s-suespost, bhala fatt, l-attrici minn dejjem kienet u baqghet sallum tuza l-kunjom "**Falzon Ronayne**", anke wara li zzewget lil Gerard Anthony Reidy, u dan anke billi m'hijiex prassi gewwa Spanja illi l-mara tiehu kunjom ir-ragel hekk kif tizzewweg, u dan kif jirrizulta, fost ohrajn, mis-segwenti dokumenti:

**a)** Kont tal-internet (**DOK: G**);

**b)** Kont tad-dawl u tal-ilma (**DOK: H**);

**c)** Karta bankarja (**DOK: I**);

**d)** Karta tal-assigurazzjoni medika (**DOK: J**);

**e)** Karta tal-identita' (**DOK: K**);

**f)** Profil li jintuza mill-attrici ghax-xoghol taghha (**DOK: L**);

VIII. Illi, madanakollu, d-Direttur tar-Registru Pubbliku konvenut, minkejja li rregistra d-divorzju ta' bejn l-attrici u Gerard Anthony Reidy skond id-decizjoni moghtija gewwa Spanja, ossija *Deed of Divorce by Mutual Agreement* tat-3 ta' Lulju 2018, irrifjuta li jirregistra l-bidla mehtiega fl-Att taz-Zwieg numru 2021 tal-2015 sabiex jigi registrat li kunjom l-attrici gie mibdul minn "**Reidy**" ghal "**Falzon Ronayne**" skond id-decizjoni moghtija gewwa Spanja, ossija d-*Deed of Modification of the Regulatory Agreement of Divorce by Mutual Agreement* tal-24 t'Awwissu 2021;

IX. Illi s-suespost huwa ta' pregudizzju ghall-attrici, kemm ghaliex hija minn dejjem kienet u baqghet tuza kunjom xbubitha, ossija "**Falzon Ronayne**", anke meta kienet ghadha mizzewwga lil Gerard Anthony Reidy, u anke ghaliex, fi kwalunkwe kaz, hija ghazlet illi tirriverti lura ghall-kunjom xbubitha "**Falzon Ronayne**" kif jixhed d-*Deed of Modification of the Regulatory Agreement of Divorce by Mutual Agreement* tal-24 t'Awwissu 2021, li jinkludi anke certifikat li nhareg ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-Artikolu 39 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Numru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-gurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbilita' tal-genituri, u li rrevoka r-Regolament (KE) numru 1347/2000, u dan sabiex id-divorzju ta' bejn l-attrici u

Gerard Anthony Reidy, moghti gewwa Spanja, jkun jista' jigi enforzat hawn Malta;

X. Illi, kwistjonjijiet simili gew trattat u decizi diversi drabi mill-Qrati taghna, fosthom fis-sentenza fl-ismijiet **Stephanie Falzon vs. Direttur tar-Registru Pubbliku** (rikors guramentat numru 293/2017/LSO), deciza minn din l-Onorabbli Qorti nhar it-20 ta' Jannar 2018, fejn gie ritenut f'cirkostanzi identici ghal dawk odjerni: "*Illi r-rikorrenti qed titlob li terga' lura ghal kunjom xbubitha stante li ottjeniet divorzju f'pajjiz esteru, ossija fl-Iskozja Dok C (fol 4). Jirrizulta li inhareg certifikat ai fini tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Numru 2201/2003 dwar il-Gursdizzjoni u Rikonoxximent u l-Infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbilita` tal-genituri sabiex id-divorzju jigi enforzat f' Malta, hekk kif jidher minn Dok D (fol 5-6), li hu certifikat skont l-artikolu 39 tar-Regolament iccitat. Inoltre`, ir-rikorrenti esebixxiet dikjarazzjoni tal-bdil tal-kunjom li saret quddiem il-Qorti Skocciza, Dok E (fol 7), sabiex tkun maghrufa bhala Stephanie Sammut u mhux aktar bhala Stephanie Falzon*", u illi: "***Ikkunsidrat li ai termini tal-artikolu 66L (4) (b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, il-mara tista' terga' lura ghal kunjom xbubitha wara li tottjeni divorzju skont kif dispost fl-artikolu 62 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Fil-kaz in ezami, r-rikorrenti hadet kunjom ir-ragel malli zzewget, izda ladarba z-zwieg m'ghadux fis-sehh, hi qed titlob li terga' lura ghal kunjom xbubitha. Ikkonsidrat li t-talba odjerna ghalkemm ma jistax jitqies li sar xi zball fir-registrazzjoni, hija talba sabiex dak li hu essenzjalment rikonoxxut u permess mil-ligi stess jinghata rikonoxximent formali f'kaz ta' mara mizzewga li ottjeniet id-divorzju minn gurisdizzjoni estera***";

XI. Illi l-attrici tixtieq tipprevalixxi ruhha mid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 253 *et sequitur* tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet

ta' Malta) sabiex tigi effettwata l-bidla mehtiega fl-Att taz-Zwieg bin-numru 2021 tal-2015, ossija sabiex jigi registrat li l-kunjom tal-attrici gie mibdul minn "**Reidy**" ghal "**Falzon Ronayne**" wara li gie ottjenut id-divorzju taz-zwieg taghha minn ma' Gerard Anthony Reidy gewwa Spanja;

XII. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant jghid il-konvenut ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni ulterjuri necessarja u opportuna:

1. Tordna, skond l-Artikolu 253 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta), l-pubblikazzjoni ta' avviz fil-Gazzetta tal-Gvern;

2. Tordna l-bidla mehtiega fl-Att ta' Zwieg bin-numru 2021 tal-2015 sabiex jigi registrat li kunjom tal-attrici gie mibdul minn "**Reidy**" ghal "**Falzon Ronayne**" wara li gie ottjenut il-hall taz-zwieg, ossija d-divorzju, tal-istess attrici minn ma' Gerard Anthony Reidy gewwa Spanja;

3. Tordna illi l-kunjom "**Falzon Ronayne**" jibqa' jigi wzat fl-atti civili l-ohra kollha, successivi u sussegwenti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.'

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra kif isegwi:

1. 'Illi jibda billi jingħad li la darba l-kawża mressqa mir-rikorrenti qed issir bil-għan illi tintalab korrezzjoni ta' att tal-istat ċivili, ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir id-debita pubblikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;

2. Illi għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-kawża, l-esponent jissottometti illi huwa mhux edott mill-fatti kif ġew iddikjarati fir-rikors promotur;

3. Illi mill-Att taż-Żwieġ bin-numru ta' iskrizzjoni progressiv 2021 tas-sena 2015, kopja ta' liema ġiet annessa mar-rikors ġuramentat promotur u mmarkata Dok. B, jirriżulta illi Christabel Falzon iżżewġet lil Gerard Anthony Reidy f'Malta fit-3 ta' Lulju tas-sena 2015, u li maż-żwieġ hija adottat kunjom żewġha, 'Reidy';

4. Illi mill-istess Att taż-Żwieġ, u b'mod speċifiku mill-annotazzjoni ta' fuqu, jirriżulta illi Gerard Anthony Reidy u Christabel Falzon Ronayne ottjenew deċiżjoni ta' divorzju, ossia Deed of Divorce by Mutual Agreement ippubblikat min-Nutar Jose Nieto Sanchez, fi Spanja, fit-3 ta' Lulju 2018. L-annotazzjoni li tniżżlet mill-konvenut fit-30 ta' Diċembru tas-sena 2020 saret abbażi tal-kuntratt ta' divorzju msemmi. Kif jirriżulta mill-istess ftehim, li jinsab anness mar-rikors promotur u mmarkata 'Dok. C2', ma hemm ebda indikazzjoni illi l-attriċi rrivertiet għal kunjom xbubitha u għaldaqstant, il-konvenut ma setax jagħmel tali bidla fil-konjom mingħajr awtorizzazzjoni;

5. Illi eventwalment, wara li saret l-annotazzjoni hawn imsemmija, u ċioe′ fl-24 t′Awissu 2021, ir-rikorrenti u Gerard Anthony Reidy għamlu Deed of Modification of the Regulatory Agreement of Divorce by Mutual Agreement, fejn essenzjament qalu illi l-mara kienet qed tirriverti għall-użu ta′ kunjom xbubitha 'Falzon Ronayne';

6. Illi l-esponent ma setgħax jieħu konjizzjoni ta′ tali ftehim, kemm għax id-divorzju kien diġa′ ġie rreġistrat permezz ta′ annotazzjoni datata 30 ta′ Diċembru 2020, skont il-ftehim ippreżentat mir-rikorrenti nnifisha, kif ukoll għax ir-rikorrenti qatt ma kien kunjomha 'Falzon Ronayne'. Fil-fatt, kif jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ tal-koppja innumerat 2021/2015, kunjom ir-rikorrenti Christabel kien 'Falzon' u mhux 'Falzon Ronayne';

7. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponent jiddikjara illi fir-rigward tat-talbiet attriċi, huwa jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta′ din l-Onorabbli Qorti, salv illi l-provi prodotti jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f′għajnejn il-liġi u li jkunu rrispettati r-regoli proċedurali;

8. Illi fir-rigward tat-tieni talba attriċi, kif diġa′ ġie spjegat fis-sitt (6) eċċezzjoni tal-esponent, kunjom ir-rikorrenti Christabel qatt ma kien formalment irreġistrat bħala Falzon Ronayne. Kemm mill-Att tat-Twelid tagħha innumerat 6398/1982, kif ukoll mill-Att taż-Żwieġ innumerat 2021/2015, kopja ta′ liema tinsab annessa mar-rikors promotur u mmarkata 'Dok. B′, jirriżulta illi kunjom ir-rikorrenti dejjem kien Falzon. Fiċ-ċirkostanzi, sabiex issir il-bidla kif rikjesta mir-rikorrenti f′każ li t-talbiet attriċi jintlaqgħu minn din l-Onorabbli, jeħtieġ li r-rikorrenti timla u tissottometti l-formola TT ai termini tal-artikolu 4(8) tal-Kodiċi

Ċivili, u dan sabiex l-esponent ikun jista' jżid il-kunjom Ronayne, li huwa kunjom ommha xebba, wara l-kunjom Falzon fl-Att tat-Twelid u fl-Att taż-Żwieġ tagħha;

9. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, fir-rigward tat-tielet talba attriċi, ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili, korrezzjoni tista' ssir f'dawk l-atti tal-istat ċivili relattivi għall-persuna u, fejn ikun hemm, għall-ulied u dixxendenti ulterjuri ta' dik il-persuna, liema atti jridu jiġu indikati fit-talba bin-numru tal-att u s-sena relattiva tagħhom. Illi għalhekk, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet attriċi u tordna t-tibdil rikjest mir-rikorrenti, l-esponent umilment jirrileva illi sabiex ikun hemm dan it-tibdil, ir-rikorrenti għandha tispeċifika liema huma dawn l-atti permezz tan-numru progressiv u s-sena ta' kull att relattiv. Qed jiġi kkjarifikat ukoll li f'każ li r-rikorrenti titlob li jiġu rreġistrati f'Malta atti tal-istat ċivili li jsiru barra minn Malta, r-reġistrazzjoni ssir ai termini tal-artikolu 244 tal-Kap. 16 tal-liġijiet ta' Malta, billi l-esponent jirriproduċi ad verbatim id-dettalji li jkunu jidhru fl-Att esteru, u għalhekk l-informazzjoni li tidher f'tali atti mhix fil-kontroll tal-esponent;

10. Illi finalment u bla ħsara għall-premess, id-Direttur intimat jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni attriċi mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tiegħu u għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

11. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi inġunta in subizzjoni.'

**Ikkunsidrat:**

Rat mill-atti illi saret id-debita publikazzjoni skont il-ligi u ghalhekk tiddikjara l-ewwel talba sorvolata;

Fil-mertu rat id-dokumentazzjoni kollha annessa mar-rikors guramentat partikolarment l-atti relatati mad-divorzju tar-rikorrenti nomine;

Rat ukoll li fl-atti gie prezentat ic-certifikat tat-twelid kif korrett tar-rikorrenti illi juri li b'effett mill-25 ta' Lulju 2022, ir-rikorrenti Christabel Falzon bidlet kunjomha ghal Falzon Ronayne;

Illi in vista tad-dokumentazzjoni esebita fl-atti, il-Qorti tqis li t-talba sabiex jigi korrett l-att taz-zwieg indikat hija gustifikata.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonjiet kollha tad-Direttur intimat sakemm dawn huma nkompatibbli ma dak hawn decizi tghaddi sabiex:

1. Tilqa' t-tieni talba u tordna l-bidla mehtiega fl-Att ta' Zwieg bin-numru 2021 tal-2015 sabiex jigi registrat li kunjom tal-attrici jigi mibdul minn "**Reidy**" ghal "**Falzon Ronayne**" wara li gie ottjenut il-hall taz-zwieg, ossija d-divorzju, tal-istess attrici minn ma' Gerard Anthony Reidy gewwa Spanja;

2. Tilqa' t-tielet talba limitatament ghall-atti fil-poter tad-Direttur intimat.

3. Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap l6 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-istess rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**9 ta' Novembru 2022**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**9 ta' Novembru 2022**